# Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Giovanni M Grixti LL.M., LL.D

Appell Nru. 37/2017

**Il-Pulizija**

**(Spettur Roderick Agius)**

**vs**

**Darren Brincat**

***Ommisis***

Seduta tat-28 ta' Settembru, 2017

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet dedotti kontra l-appellat, Darren Brincat, detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 521079M u *ommisis* quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fl-20 ta' Gunju 2016 ghall-habta tas-19:15hrs u fil-hin ta' qabel gewwa Haz-Zebbug u f'dawn il-Gzejjer flimkien ma persuna ohra:

1. Ikkommettew serq ta' diversi batteriji, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-elfejn tlett mija w disgha w ghoxrin euro w sebgha w tletin centezmu (€2,329.27) u bil-mezz ghad-detriment ta' George Falzon, Joseph Falzon u/jew persuni ohra w/jew entitajiet ohra;

2. ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi irrendew ruhhom recidivi ai termini tal- Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, wara li gie misjub hati b'sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi w ma jistghux jigu mibdula;

Darren Brincat wahdu:

3. Akkuzat ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi volontarjament hassar, ghamel hsara jew gharraq hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli, liema hsara tammonta ghal iktar minn mija w sittax-il euro w sebgha w erbghin centezmu (€116.47) ghad-detriment ta' George Falzon/ Natasha Fenech u/jew persuni ohra;

4. Ukoll talli fl-istess hin, lok u cirkostanzi minghajr il-hsieb li joqtol jew iqieghed il-hajja ta' George Falzon f'periklu car ikkommetta feriti ta' natura hafifa fuq il-persuna ta' George Falzon;

5. Ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkostanzi u aktar talli kkommetta reat waqt li hu taht l-ordni ta' probation ghal sentenza, liema sentenza nghata mill-Qorti tal-Magistrati presjeduta mill-Magistrat Dr. Josette Demicoli nhar id-19 ta' Novembru 2015, liema sentenza saret definittiva w ma tistax tigi mibdula ai termini tal-Artikolu 7 tal-Kap 446 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-12 ta' Jannar, 2017 moghtija biss fil-konfront tal-appellat Darren Brincat li biha, wara ammissjoni sabitu hati, kkundannatu ghal tliet (3) snin prigunerija u astjeniet milli tipprovdi dwar il-ksur ta' ordni ta' probation moghtija fid-19 ta' Novembru 2015;

Rat ir-rikors tal-appell tal-Avukat Generali, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fil-31 ta' Jannar, 2017, li permezz tieghu talab lil din il-Qorti joghgobha **tirriforma** s-sentenza appellata billi **tikkonfermaha** f'dik il-parti fejn l-appellat instab hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu u fejn il-Qorti erogat il-piena ta' tliet snin prigunerija fil-konfront tieghu u fejn il-Qorti astjeniet milli tipprovdi dwar il-ksur ta' ordni ta' probation moghtija fid-19 ta' Novembru, 2015 u **tirriformaha** billi tikkundannah l-ispejjez kollha li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew tal-periti f'dawn il-proceduri;

Rat l-aggravji tal-appellat;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Semghet lill-Avukat Generali u lid-difensur tal-appellat;

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti;

Ikkunsidrat:

1. Illi l-appell tal-Avukat Generali huwa limitat ghar-riforma tas-sentenza sabiex din tkun takkludi ordni ta' hlas tal-ispejjes inkorsi fil-hatra tal-esperti tal-Qorti fit-termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali Kapitolu 9 tal-ligijiet ta' Malta;
2. L-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali jiddisponi illi meta l-kawza ssir *ex officio* mill-Pulizija, il-Qorti ghandha meta taghti s-sentenza jew f'kull ordni iehor wara, tikkundanna l-hati jew il-hatjin, lkoll flimkien *in solidum* jew kull wiehed ghalih, ghall-hlas tal-ispejjez kollha jew parti mill-ispejjez li jkollhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti jew peritit

fil-proceduri lir-registratur. Dawn l-ispejjez jakkludu dawk tal-esperti li jkunu inhatru fl-*in genere;*

3. L-ewwel Qorti naqset milli taghmel tali ordni u ghalhekk teknikament l-appellant ghandu ragun. Issa, l-appellat jghid illi dan ma huwiex logiku li huwa jkun ikkundannat ghal-hlas tal-ispejjez la darba huwa ammetta l-imputazzjonijiet dedotti kontra tieghu kif ukoll ghaliex il-kawza kontra il-ko-imputat ghadha ghaddejja u ghadu mhux mgharuf jekk il-Qorti li qed tippresjedi l-kawza kontra *ommissis* hix ser tahtar aktar esperti. Bid dovut rigward dawn iz-zewg argumenti huma fierha ghall-ahhar. L-ammissjoni ma tintitolax lill-hati li jkun ezenti mill-hlas tal-ispejjez. Il-hati lanqas ma jista' jkun obbligat ihallas spejjez tal-esperti generati f'kawza li llum ma ghadux parti fiha;

4. L-appellat jargumenta ukoll dwar l-utilita' tal-esperti mahtura u dan l-argument huwa wiehed aktar logiku li jimmerita diskussjoni. Huwa ben stabbilit fil-gurisprudenza illi meta l-hatra tal-espert ma tkun ta' ebda utilita' ghall-dik il-procedura, jew meta il-konkluzzjonijiet tieghu ikunu fin-negattiv, il-hati ma ghandux ikun ikkundannat ghal-ispejjez inkorsi f'dik il-hatra. Ghalhekk jokkorri li jkunu ezaminati l-atti sabiex ikun accertat jekk u min kienu l-esperti mahtura sal-istadju qabel l-ammissjoni tal-appellant u jekk dawn kienux ta' utilita' fil-kawza kontra tieghu;

5. Qabel kull konsiderazzjoni ohra, izda, din il-Qorti tosserva illi l-artikolu 533 jipprovdi ghas-setgha tal-Qorti li tordna hlas tal-ispejjez, sia fis-sentenza taghha kif ukoll **f'kull ordni iehor wara**. Dan ifisser illi dak li l-Avukat Generali qieghed jitlob llum seta facilment sar b'talba quddiem l-ewwel Qorti wara l-ghoti tas-sentenza. Il-legislatur iffacilita' l-mekkanizmu ghal-imposizzjoni ta' dawn l-ispejjez bi kliem semplici izda l-Avukat Generali ghazel li jinterponi appell mis-sentenza tal-ewwel Qorti bi spejjez u inkonvenjent ghall kullhadd minflok ma ghamel talba quddiem l-ewwel Qorti;

6. Tosserva ukoll illi l-ewwel Qorti, ghad illi l-hati kien imputat ukoll bil-kommissjoni ta' reat waqt li kien jinsab taht ordni ta' probation, ghazlet illi ma titrattax mieghu billi astjeniet. Issa ghalkemm l-Avukat Generali ma appellax dwar dan, u ghalhekk ma jista' jsir xejn in rigward, tfakkar biss illi l-ewwel Qorti kellha titratta mal-appellat dwar ir-reat li tieghu kien applikat il-Kapitolu 446 u dan ex artikolu 23 tal-istess Kapitolu u mhux tastjeni. (ara fost skorta ta' sentenzi ta' din il-Qorti: Il-Pulizija vs Duranovic Coreschi 14.09.2011 u Il-Pulizija vs John Borg 15.12.2016);

7. Kwantu l-mertu ta' dan l-appell, l-ewwel Qorti kienet nominat bhala espert taghha lil Joseph Paul Muscat sabiex jaghmel kopji tad-dokumenti Dok GF3 (pen drive bir-registrazzjoni minn CCTV camera) u Dok RA3 (CD b'registrazzjoni minn CCTV cameras ta' hames stabbilimenti differenti). Id-Dok GF 3 kien esebit mid-derubat filwaqt illi s-CD kien esebit mill-Ispettur Roderick Agius qabel ma l-appellat rregistra ammissjoni. Id-Dok RA 3 izda huwa estraneu ghal-kaz kontra l-appellat ghas-segwenti raguni. Waqt l-interrogatorju, l-ko-imputat *ommisis* kien innega l-komplicita' tieghu u allega li kien qieghed bnadi ohra fil-hin tal-allegata serqa li ghaliha ammetta l-appellat. Ghalhekk l-Ispettur ghadda biex jezamina u jeleva CCTV *footage* sabiex jara jekk dak li kien qed jghid *ommissis* dwar il-presenza tieghu fi bnadi ohra kienx veru jew le. Dik il-perizja sabiex isiru kopji tal-filmati ghalhekk ma kienitx tirrigwarda lill-appellat u ghalhekk certament ma ghandux ikun ordnat ihallas ghall-ispejjez taghha wisq anqas ghas-sehem tieghu;

8. Id-Dokument GF3 imbaghad huwa *pen drive* kontenenti registrazzjoni ta' filmati minn CCTV. L-ewwel Qorti innominat lill-espert "sabiex jaghmel kopja tal-filmati" u ma jidhirx li sar hekk sabiex ikunu analizzati l-filmati u jkunu stampati *stills* minnu tant illi meta l-espert pprezenta r-relazzjoni tieghu ddikjara li kien nominat biss sabiex jaghmel kopja tad-dokumenti. L-ewwel Qorti hasset li kien

hemm htiega ta' dan u ma kienx hemm opposizzjoni jew rizerva mill-appellat;

9. Ghalhekk l-appellat ghandu jkun ordnat ihallas l-ispejjez tal-espert kwantu dawn jikkoncernaw l-eghmil ta' kopja ta' pen drive ghal-fuq *optical diskette.* Issa ir-relazzjoni tal-espert Joseph Paul Muscat ma tindikax id-drittijiet u spejjez tieghu ufficcjalment intaxxati mir-registratur tal-Qorti u li ghalhekk taghmilha difficli ghal din il-Qorti sabiex tinkwantifika dawk l-ispejjez li l-appellat ghandu jkun ordnat ihallas. Madankollu, la darba kien hemm sitt DVD's li jikkoncernaw lill-*ommissis* u pen drive wahda li tikkoncerna lill-appellat u *ommissis*, huwa logiku illi l-appellat ikun dovut ihallas biss sest tal-ispiza peritali;

10. Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell u tirriforma s-sentenza appellata, billi filwaqt illi tikkonfermha f'dik il-parti li fiha l-ewwel Qorti sabet htija fl-appellat u kkundannatu ghall-terminu ta' prigunerija ta' tlett (3) snin u astjeniet milli taghmel provvediment dwar il-ksur tal-probation tordna lill-appellat ihallas lir-Registratur tal-Qrati s-sest tal-ispejjez inkorsi fin-nomina tas-Sur Joseph Paul Muscat u dan fi zmien sitt xhur wara li jircievi talba ufficcjali mir-Registratur tal-Qrati.